**Minuti tat-377 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 17 ta' Novembru, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Kevin Plumpton. Is-Sur Robert Buhagiar daħal fis-6.40 ta' filgħaxija.

Is-Sur Mark Grech kien skużat.

Qabel ma ġie diskuss l-*item* 'Approvazzjoni tal-Minuti', is-Sindku qara l-ittra ta' riżenja tas-Sur Frans Catania minn Kunsillier. F'ittra bid-data tas-26 ta' Ottubru, 2010 il-Kunsill ġie nfurmat li minħabba raġunijiet personali s-Sur Catania kien qed jirriżenja b'effett immedjat mill-kariga ta' Kunsillier. Kopja ta' din l-ittra kienet intbgħatet mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali u lill-Prim Ministru fis-27 ta' Ottubru, 2010.

Is-Sindku qara l-avviż uffiċjali mibgħut mill-Kummissjoni Elettorali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Kevin Plumpton ġie elett f'elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, 8 ta' Novembru, 2010 għal-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sindku u l-Kunsillieri kollha ferħu u taw merħba lis-Sur Kevin Plumpton.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-376 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bonnici reġa' staqsa dwar l-istqarrija għall-istampa li l-Kunsill qabel li jagħmel dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* li jeħtieġ isir mill-Gvern Ċentrali fi Triq tal-Labour u Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku tenna li kien qed isir pjan mill-Gvern Ċentrali biex isir xogħol ta' *resurfacing* bħala parti mill-*upgrading* ta' toroq li jwasslu għall-proġett Smart City.

Il-Viċi-Sindku staqsa jekk kienx ġie ppubblikat fil-ġurnali lokali l-avviz sabiex artisti (pitturi) residenti Ħaż-Żabbar, jesprimu l-interess tagħhom biex jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom f'esebizzjoni li ser issir f'Mejju li ġej f'Eschborn, il-Ġermanja matul Eschenfest. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermattiv.

Is-Sur Pisani staqsa jekk il-Kunsill kienx talab lill-Perit jara s-sitwazzjoni fi Triq id-Dliela minħabba li qiegħed jinħoloq inkonvenjent kbir riżultat tal-ammont kbir ta' ilma tax-xita li jinġabar f'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit kien ser jiġi avviċinat fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lil *Transport Malta* dwar it-tabella ta' *one way* li kien hemm fis-*service road* ta' Triq Villabate u li kienet tneħħiet waqt xogħlijiet mill-Gvern Ċentrali. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermattiv.

Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto-Kumitat għall-Anzjani. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat l-ittra tal-Kunsillier is-Sur Mark Grech fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba li kien indispost. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Grech jiġi skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija *Greenpak* dwar it-tiġdid tal-kuntratt għall-ġbir ta' skart riċiklat. Il-kumpanija *Greenpak* aċċettat li żżid il-kwota ta' ġbir ta' skart minn madwar il-*Bring In Sites.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kuntrat għall-ġbir ta' skart riċiklatt mal-kumpanija *Greenpak.*

Is-Sur Buttigieg ppropona li titwaħħal tabella ħdejn il-*bring in site* bħal avviz biex ma jintremiex skart. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament li titwaħħal din it-tabella. Is-Sur Pisani talab li fuq din it-tabella jiġi ndikat ukoll li se jkun hemm infurzar biex dan is-servizz jintuza tajjeb.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħlijiet u Familja fejn il-Kunsill ġie nfurmat bil-lista ta' żgħażagħ li jixtiequ jipparteċipaw fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

Inqara invit mibgħut mill-Ministru għall-Infrastruttura, Transport u Komunikazzjoni flimkien ma' *Transport Malta* fejn stiednu lis-Sindku għall-iffirmar tal-kuntratt li l-Gvern ser jagħmel mal-kumpanija Arriva għar-riforma tat-transport f'Malta u Għawdex. L-iffirmar ser isir nhar is-Sibt, 20 ta' Novembru, 2010.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* dwar lista ta' toroq f'Ħaż-Żabbar li għadhom qatt ma ġew mibnija u li huma fir-responsabilita` ta' *Transport Malta*. Il-Kunsill ġie mitlub jikkonferma jew iżid xi toroq oħra mal-lista.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat dwar ftehim li ntlaħaq mal-*Performance Rights Society* biex isir il-ħlas għall-*performing rights* tas-snin 2009 u 2010. Ir-rati l-ġodda li l-Kunsilli huma mitluba jħallsu huma €36 għal sentejn . Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li titħallas is-somma ta' €36.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Koperattiva tal-Bdiewa ta' Ħaż-Żabbar dwar talba biex titwaħħal tabella ta' *loading/unloading bay* quddiem iċ-ċentru tagħhom peress li kien qed isir parkeġġ minn vetturi privati bil-konsegwenza li ma jkunx jista' isir tgħabija u ħatt.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kap tal-Kulleġġ Santa Margerita Ħaż-Żabbar (Primarja B) fejn il-Kunsill intalab l-għajnuna biex jipprovdi trasport mill-iskola sar-Razzett tal-Ħbiberija u lura għat-tfal bi bżonnijiet speċjali li jattendu l-'*Inspire Winter Programme'*. Is-Sur Buhagiar ippropona li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jara jekk jistax jew le jipprovdi dan is-servizz. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-ħsieb li jitwaqqaf Kumitat *ad hoc* biex ifassal rapport dwar l-organizzazjoni ta' attivitajiet sportivi mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Għal dan il-għan qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand il-Kunsilli Lokali sabiex jiġu magħzula sa massimu ta' tlett persuni.

Inqrat korripondenza mibgħuta mill-kumpanija TCTC dwar tqassim ta' fuljetti fi djar b'informazzjoni dwar korsijiet tal-kompjuter fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

Is-Sur Buhagiar qal li hemm il-ħsieb li l-korsijiet kienu ser jibdew f'Jannar li ġej u ser isiru wkoll korsijiet għall-ommijiet biex dawn ikunu jistgħu jgħinu lil uliedhom.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* dwar talba biex issir *road hump* fi Triq G Testaferrata kantuniera ma' Triq Villabate`. Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni li ssir din ir-*road hump* minn *Transport Malta.*

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

- <u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn l-21 ta' Ottubru, 2010 u 17 ta' Novembru, 2010 li kien jammonta

għal €78,685.64. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pisani.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ottubru, 2010 li kien jammonta għal €102.85. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva tlett applikazzjonijiet minn artisti Żabbarin biex jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom f'esebizzjoni li ser issir f'Mejju li ġej f'Eschborn, il-Ġermanja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien irċieva l-applikazzjoni ta' Sur Fenech fil-ħin. Filwaqt li l-applikazzjonijiet tas-Sinjura Busuttil u s-Sur Cachia waslu wara d-data ta' għeluq tal-avviż.

Is-Sur Pisani qal li l-Kunsill għandu jevalwa t-tlett applikazzjonijiet li rċieva. Il-Viċi Sindku ssekonda lis-Sur Pisani u qal li x-xogħol tal-artisti għandhom jiġu evalwati minn persuni esperti. Din il-mozzjoni m'għaddietx b'żewġ voti favur u sitt voti kontra.

Is-Sur Buhagiar ippropona li għaldaqstant, fiċ-ċirkustanzi, għandha tiġi aċċettata l-applikazzjoni li l-Kunsill irċieva fiż-żmien stipulat. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel b'sitt voti favur u tnejn kontra li tiġi aċċettata l-applikazzjoni mingħand is-Sur Emanuel Fenech.

Is-Sur Pisani saħaq li għandhom jiġu kkunsidrati l-applikazzjonijiet kollha u dawk li huma nteressati u jiġu ġġudikati jekk humiex ta' livell. Is-Sur Pace qal li jaqbel li għandu jiġi aċċettat dan l-applikant pero' xorta waħda jisħaq li x-xogħol tal-artist għandu jiġi evalwat minn persuni esperti f'dan il-qasam biex jiġi aċċertat li x-xogħol hu ta' livell.

Fit-8.10 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li tiġi rranġata tappiera tad-drenaġġ li hemm fi Triq il-Kunvent ma' Triq Felice.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-possibilita` illi kmamar li hemm maġenb il-librerija fil-bini amministrattiv taċ-Ċentru Ċiviku jiġu utilizzati għal-librerija. Is-Sindku qal dan jista' isir biss jekk tingħata d-devoluzzjoni tal-kmamar li l-Kunsill talab u kienu jintużaw mis-Sanita u d-Dipartiment tal-Agrikultura.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill li laqgħa li ssir kull sentejn bejn il-Kunsilli ta' Eschborn, Povoa' De Varzim, Montgeron u Ħaż-Żabbar kienet ser issir f'Malta bejn il-31 ta' Jannar 2011 u t-2 ta' Frar 2011.

Is-Sur Buttigieg staqsa dwar meta kienet ser tinħareġ is-sejħa tal-offerti għal xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema *Private Public Partnership*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta mingħand uħud mill-entitajiet biex il-

Kunsill jinkludi x-xogħol kollu li jrid isir fi Triq Ġanni Bonavia, Sqaq Berqi, Triq Monsinjur Luigi Catania, Triq Leli Tabone, Triq il-Grazzji u Triq il-Grazzji Sqaq Nru 1 – 4, Triq Melita u Triq il-Magħsar fid-dokument tal-offerti. B'hekk jiġi assigurat illi l-ebda triq minn dawn ma terġa' titkisser wara li jkunu ntefqu flejjes kbar biex ingħataw it-tarmak.

Is-Sur Buttigieg tkellem dwar l-ilmenti li qed isiru minn residenti u sewwieqa dwar is-sistema ta' *one way* li hemm fi Triq San Gużepp u t-toroq tal-madwar. Is-Sur Pace ssuġerixxa li jitneħħew it-tabelli ta' *one-way* fil-parti d-dejqa ta' Triq San Gużepp.

Is-Sur Bonnici talab li l-Kunsill jikteb lil *Transport Malta* biex isiru linji sofor fil-kantunieri ta' Triq Villabate ma' Triq San Ġużepp minħabba li kien qed isir ipparkjar illegali b'periklu għas-sewwieqa.

Is-Sur Buttigieg talab li l-Kunsill jikteb mill-ġdid lil *Transport Malta* sabiex isiru *parking bays* fi Triq Bajada.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jitwaħħlu *litter bins* maġenb il-*bus stops* l-aktar uzati fosthom dawk fi Pjazza Medjatriċi.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li tinbidel bozza maqtugħa li hemm fi Triq il-Kunvent. Is-Sur Buttigieg qal ukoll li fil-bidu ta' Triq Villabate hemm erba' bozoz maqtugħa.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li ssir iktar sorveljanza mill-pulizija fi Ġnien il-Kunsill.

Is-Sur Pisani ppropona li ssir lista ta' talbiet li saru għall-arbli tad-dawl ġodda f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Pace nforma lill-Kunsill li kienu qed isiru l-preparamenti biex tittella` esebizzjoni ta' ritratti ta' żmien il-gwerra miġbura mis-Sinjorina Barbara bejn it-23 ta' Diċembru, 2010 u 6 ta' Jannar, 2011 fis-Sala tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-378 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 15 ta' Diċembru, 2010.

Domenic Agius
Sindku